



DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2898

tad-19 ta' Diċembru 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31, l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ⁽¹⁾ l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ⁽²⁾, u l-Protokoll li Jemendaha ⁽³⁾ (il-Konvenzjoni SA), li stabbiliet, *inter alia*, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (HSC — *Harmonized System Committee*).
- (2) Skont l-Artikolu 7(1), il-punti (b) u (c), tal-Konvenzjoni SA, l-HSC huwa responsabbli għat-thejjja tan-Noti ta' Spjegazzjoni, tal-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, pariri oħra bħala gwida għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u għat-thejjja ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata.
- (3) Skont l-Artikolu 8(3) tal-Konvenzjoni SA, in-Noti ta' Spjegazzjoni, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata, imhejjja matul sessjoni tal-HSC ("deċiżjonijiet tal-HSC"), għandhom jitqiesu li ġew approvati mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO — *World Customs Organization*) jekk, fit-tmiem tat-tieni xahar wara x-xahar li fih is-sessjoni li fiha ġew adottati nqas, l-ebda Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni SA ma innotifikat lis-Segretarju Ġenerali tad-WCO li ppreżentat talba għal eżami mill-ġdid mill-HSC jew konsultazzjoni lill-Kunsill tad-WCO.
- (4) Skont l-Artikolu 8(4) tal-Konvenzjoni SA, ladarba kwistjoni tkun ġiet riferuta lill-Kunsill tad-WCO skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, il-Kunsill tad-WCO għandu japprova dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni, pariri jew rakkomandazzjonijiet oħra, sakemm kwalunkwe Membru tal-Kunsill tad-WCO li jkun Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni SA ma jkunx talab li jkunu riferuti sħaħ jew parzjalment lill-HSC sabiex jiġu eżaminati mill-ġdid.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WCO fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni SA, peress li d-deċiżjonijiet inkwistjoni mhejjja mill-HSC se jkunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽⁴⁾.
- (6) Huwa fl-interess tal-Unjoni li l-pożizzjonijiet espressi mill-Unjoni fl-HSC huma stabbiliti skont il-prinċipji, il-kriterji u l-orjentazzjonijiet li jirregolaw il-klassifikazzjoni tariffarja tal-oġġetti. Huwa wkoll fl-interess tal-Unjoni li dawn il-pożizzjonijiet jiġu stabbiliti b'mod rapidu sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha fl-HSC.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 198, 20.7.1987, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 198, 20.7.1987, p. 11.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (7) Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' wkoll titlob fisem l-Unjoni li kwistjoni tiġi riferuta lill-Kunsill tad-WCO jew lill-HSC biex tiġi eżaminata mill-ġdid skont l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni SA, sabiex jiġi evitat li tiġi adottata deċiżjoni dwar kwistjoni li dwarha l-Kunsill tad-WCO jew ma jkunx jista' jilħaq pożizzjoni qabel l-għeluq tal-iskadenza prevista fl-Artikolu 8(3) tal-Konvenzjoni SA jew ikun laħaq pożizzjoni li tkun differenti fis-sustanza mid-deċiżjoni li ġiet adottata mill-HSC.
- (8) Fid-dawl tan-natura dejjem tevolvi u teknika ħafna tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti skont il-Konvenzjoni SA, il-volum għoli ta' mistoqsijiet ittrattati fiż-żewġ laqgħat tal-HSC kull sena, u l-qafas ta' żmien qasir disponibbli biex jitqiesu d-dokumenti maħruġa mis-Segretarjat tad-WCO u mill-Partijiet Kontraenti bi tħejjija għal-laqgħat tal-HSC u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-informazzjoni ġdida ppreżentata qabel jew matul dawn il-laqgħat u li taġixxi fuqha b'mod effettiv, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-passi meħtieġa, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1707 ⁽⁹⁾ stabbiliet proċedura effiċjenti u mħaffa għall-istabbiliment tal-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni dwar l-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni, tal-Opinjoni jiet ta' Klassifikazzjoni jew ta' pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA, u dwar it-tħejjija ta' tali atti fid-WCO. Peress li din se tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2023, jixraq li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida.
- (10) Fid-dawl tad-disponibbiltà ripetutament tard tad-dokumenti ta' ħidma qabel il-laqgħat tal-HSC, u sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet u l-interessi tal-Unjoni fi ħdan id-WCO, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex titlob lis-Segretarjat tad-WCO jiżgura d-disponibbiltà tad-dokumenti ta' ħidma f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-HSC, sabiex tali dokumenti jintbagħtu mill-inqas 30 jum qabel il-ftuħ tas-sessjoni rilevanti.
- (11) Biex jiġi żgurati li l-Kunsill jkun jista' jivvaluta u, fejn xieraq, jirrevedi l-politika f'din id-Deċiżjoni fuq bażi regolari, u fl-ispirtu tal-kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 13(2) tat-TUE, il-validità ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien. Bi tħejjija għal Reviżjoni Strateġika tas-Sistema Armonizzata, li hija ppjanata li tiġi diskussa fil-Kummissjoni Politika tad-WCO u l-Kunsill tad-WCO f'Ġunju 2024, il-perjodu ta' validità ta' din id-Deċiżjoni jista' jitqassar qabel l-iskadenza tagħha, fuq proposta mill-Kummissjoni.
- (12) Sabiex tinżamm pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA, u dwar it-tħejjija ta' tali atti fid-WCO wara l-iskadenza tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1707 fil-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2024 u għalhekk jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni dwar l-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni, tal-Opinjoni jiet ta' Klassifikazzjoni jew ta' pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA, u dwar it-tħejjija ta' tali atti fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-prinċipji, l-kriterji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1707 tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 11).

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 1 għandha titwettaq f'konformità mal-ispeċifikazzjoni stipulata fit-Taqsima II tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

T. RIBERA RODRÍGUEZ

ANNEX

- I. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), l-Unjoni għandha:

- (a) tippromwovi, tikkontribwixxi u tiffaċilita l-klassifikazzjoni doganali tal-oġġetti u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tas-Sistema Armonizzata (SA), u t-tnaqqis tal-għadd ta' kawżi u tilwim li jikkonċernaw l-interpretazzjonijiet diverġenti tas-SA;
- (b) taħdem lejn l-involvement xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' tħejjija għad-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (KSA) u tiżgura li d-deċiżjonijiet adottati fid-WCO jkunu f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti (Konvenzjoni SA) ⁽¹⁾;
- (c) tiżgura li l-miżuri adottati fid-WCO jkunu konsistenti mar-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA;
- (d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki żviluppati mill-Unjoni fil-qasam ikkonċernat;
- (e) tippromwovi s-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tan-Nomenklatura tas-SA skont l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;
- (f) tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħra tagħha, inkluż l-oġġettivi li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u l-impenji internazzjonali sal-punt rilevanti fid-dawl tan-natura speċifika tal-klassifikazzjoni doganali.

2. KRITERJI

Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fid-WCO:

- (a) għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-kriterji ġenerali li ġejjin:
 - il-prinċipju li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-verifika, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tal-oġġetti għal skopijiet doganali għandu jinstab, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi u fil-proprjetajiet oġġettivi tagħhom kif definiti mill-kliem tal-intestaturi rilevanti tas-SA u min-noti tat-Taqsima jew tal-Kapitolu, u
 - ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA kif stabbiliti fl-Anness tal-Konvenzjoni SA.
- (b) fejn applikabbli, għandhom iqisu l-kriterji speċifiċi li ġejjin:
 - il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-klassifikazzjoni doganali tal-oġġetti,
 - in-Nomenklatura tas-SA u n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA, l-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni u d-deċiżjonijiet meħuda mill-KSA,
 - is-subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) ⁽²⁾ u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM,
 - ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet dwar il-klassifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni,
 - il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, it-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika, u
 - kwalunkwe att jew linja gwida legali oħra relatata mal-klassifikazzjoni doganali tal-oġġetti żviluppata mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 198, 20.7.1987, p. 3.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, ĠU L 256, 7.9.1987, p. 9. 1.

3. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel hilita sabiex tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li ġejjin fid-WCO, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji msemmija fil-punt 1 u 2:

- (a) tippromponi u theggi Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra bħala gwida għall-interpretazzjoni tas-SA;
- (b) tipprepara rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-SA;

II. Speċifikazzjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tal-adozzjoni ta' Noti ta' Spjegazzjoni, Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni jew pariri oħra dwar l-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata skont il-Konvenzjoni SA

Qabel kull laqgħa tal-KSA li matulha l-KSA jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni teknika u informazzjoni rilevanti oħra riċenti trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji, il-kriterji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha I. Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet u l-interessi tal-Unjoni fi ħdan id-WCO, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lid-disponibbiltà tad-dokumenti ta' hídma f'konformità mar-regoli tal-proċeduri tal-KSA.

Għal dan l-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-KSA msemmija fil-punt 1, dokument bil-miktub li jstabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jeżamina d-dokumenti tal-Kummissjoni fl-aħjar perjodu ta' żmien possibbli.

Jekk il-Kunsill ma japprovax parti speċifika tal-proposta, il-Kummissjoni mhux ser tippreżenta pożizzjoni tal-Unjoni dwar dik il-parti fil-KSA.

F'każijiet fejn il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun differenti fis-sustanza mid-deċiżjoni adottata mill-KSA, il-Kummissjoni għandha, fi żmien biżżejjed qabel l-iskadenza prevista fl-Artikolu 8(3) tal-Konvenzjoni SA, tibgħat lill-Kunsill għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni, dokument bil-miktub li jstabbilixxi li d-deċiżjonijiet inkwistjoni jistgħu jiġu aċċettati jew li l-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill tad-WCO u lill-KSA biex tiġi eżaminata mill-ġdid skont l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni SA.

Sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-Unjoni u jiġi evitat li tiġi adottata fid-WCO deċiżjoni dwar kwistjoni li dwarha l-Kunsill ma jkunx jista' jilħaq pożizzjoni qabel l-iskadenza prevista fl-Artikolu 8(3) tal-Konvenzjoni SA, il-Kummissjoni għandha titlob f'isem l-Unjoni li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Kunsill tad-WCO jew lill-KSA biex tiġi eżaminata mill-ġdid skont l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni SA.